

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tal-1 ta' Settembru 2009 (Każ R 1706/2008-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn McDonald's International Property Co. Ltd u Comercial Losan, SLU.

**Dispożittiv**

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Comercial Losan, SLU hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

(<sup>1</sup>) ĠU C 24, 30.1.2010.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Lulju 2012 — Deutscher Ring vs UASI (Deutscher Ring Sachversicherungs-AG)**

(Kawża T-209/10) (<sup>1</sup>)

*(Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali Deutscher Ring Sachversicherungs-AG — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Karattru deskrittiv — Karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)*

(2012/C 243/31)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Deutscher Ring Sachversicherungs-AG (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: E. Busse, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tal-11 ta' Marzu 2010 (Każ R 1290/2009-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali Deutscher Ring Sachversicherungs-AG bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

- (1) Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tal-11 ta' Marzu 2010 (Każ R 1290/2009-1) hija annullata.
- (2) L-UASI huwa kkundannat għall-ispejjeż.

---

(<sup>1</sup>) ĠU C 179, 3.7.2010.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Ġunju 2012 — Constellation Brands vs UASI (COOK'S)**

(Kawża T-314/10) (<sup>1</sup>)

*(“Trade mark Komunitarja — Trade mark Komunitarja verbali COOK'S — Assenza ta' applikazzjoni għat-tiġdid ta' trade mark — Tħassir tat-trade mark mal-iskadenza tar-reġistrazzjoni — Talba għal restitutio in integrum — Artikolu 81 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)*

(2012/C 243/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Constellation Brands, Inc. (Fairport, New York, l-Istati Uniti) (rappreżentant: B. Brandreth, barrister)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: D. Botis u V. Melgar, aġenti)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tad-29 ta' April 2010 (Każ R 1048/2009-1), sa fejn din ħadet it-talba tar-rikorrenti għal restitutio in integrum.

**Dispożittiv**

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Constellation Brands, Inc. hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

(<sup>1</sup>) ĠU C 260, 25.9.2010.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Ġunju 2012 — Interkobo vs UASI — XXXLutz Marken (my baby)**

(Kawża T-523/10) (<sup>1</sup>)

*(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva my baby — Trade marks nazzjonali u internazzjonali verbali preċedenti MYBABY u trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti mybaby — Raġuni relattiva għal rifjut — Nuqqas ta' produzzjoni ta' provi bil-lingwa tal-proċedimenti tal-oppożizzjoni — Aspettattivi leġittimi — Regola 19(3), Regola 20(1) u Regola 98(1) tar-Regolament (KE) Nru 2868/95”)*

(2012/C 243/33)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Interkobo sp. z o.o. (Łódź, il-Polonja) (rappreżentanti: R. Skubisz u K. Ziemiński, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Walicka, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: XXXLutz Marken GmbH (Wels, l-Awstrija) (rappreżentant: H. Pannen, avukat)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tat-8 ta' Settembru 2010 (Każ R 88/2009-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Interkobo sp. z o.o. u XXXLutz Marken GmbH

### Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Interkobo sp. z o.o. hija kkundannata għall-ispejjeż

(<sup>1</sup>) ĠU C 13, 15.1.2011.

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Lulju 2012 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-594/10 P) (<sup>1</sup>)

(“Appell — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Sigurtà soċjali — Rimbors tal-ispejjeż mediċi — Att li jikkawża preġudizzju — Rifjut impliċitu”)

(2012/C 243/34)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

### Partijiet

Appellanti: Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Appellata: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u C. Berardis-Kayser, aġenti, assistiti minn A. Dal Ferro, avukat)

### Suġġett

Appell mid-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla), tas-6 ta' Ottubru 2010, mogħti fil-Kawża Marcuccio vs Il-Kummissjoni (F-2/10, li għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġabra), u intiż għall-annullament ta' dan id-digriet.

### Dispożittiv

(1) Id-Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla) tas-6 ta' Ottubru 2010, Marcuccio vs Il-Kummissjoni (F-2/10, li għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġabra), huwa annullat.

(2) Il-kawża hija rrinvjata quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

(3) L-ispejjeż huma rriżervati.

(<sup>1</sup>) ĠU C 55, 19.2.2011.

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Lulju 2012 — Laboratoires CTRS vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-12/12) (<sup>1</sup>)

(“Prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem — Awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq tal-prodott mediċinali Orphacol — Ittra li tinforma lir-rikorrenti dwar l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta l-awtorizzazzjoni — Talba għal nuqqas li tittieħed azzjoni — Teħid ta' pożizzjoni tal-Kummissjoni — Inammissibbiltà — Talba għal annullament — Adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)

(2012/C 243/35)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Laboratoires CTRS (Boulogne-Billancourt, Franza) (rappreżentanti: K. Bacon, barrister, M. Utges Manley u M. Barnden, solicitors)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: E. White u L. Banciella, aġenti)

Partijiet intervenjenti insostenn tar-rikorrenti: Ir-Repubblika Ċeka (rappreżentanti: M. Smolek u D. Hadroušek, aġenti), Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentant: G. de Bergues, aġent); kif ukoll ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (rappreżentanti: E. Jenkinson u S. Ossowski, sussegwentement E. Jenkinson u H. Walker, aġenti, assistiti minn J. Holmes, barrister)

### Suġġett

Talba sabiex jiġi kkonstatat nuqqas tal-Kummissjoni milli tieħu azzjoni meta din illegalment naqset milli tieħu deċiżjoni finali dwar it-talba għal awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq tal-prodott mediċinali Orphacol u, sussidjarjament, talba għal annullament tad-deċiżjoni, li allegatament tinsab fl-ittra tal-Kummissjoni tal-5 ta' Diċembru 2011, li ma tagħtix lir-rikorrenti l-imsemmija awtorizzazzjoni.

### Dispożittiv

(1) It-talba għal nuqqas li tittieħed azzjoni hija miċħuda bħala inammissibbli.

(2) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq it-talba għal annullament fformulata b'mod sussidjarju.

(3) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tbatlha l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk tal-Laboratoires CTRS.

(4) Ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Franċiża u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

(<sup>1</sup>) ĠU C 58, 25.2.2012.